**Riżoluzzjoni dwar il-prijoritajiet għall-programm ta' ħidma tal-2016 tal-Kummissjoni Ewropea**

(2015/C 313/04)

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Ġunju 2015 dwar il-prijoritajiet tiegħu għas-sitt mandat mill-2015 sal-2020; ir-Riżoluzzjoni tat-8 ta' Lulju 2015 dwar l-istruttura istituzzjonali futura tal-UE u l-Protokoll ta' kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat tar-Reġjuni ffirmat fis-16 ta' Frar 2012;

— wara li kkunsidra l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità;

***Il-ġejjieni tal-politika ta' koeżjoni***

1. itenni l-konvinzjoni soda tiegħu li l-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS) huwa komplementari għall-politika ta' koeżjoni u li sinerġiji b'saħħithom bejn il-FEIS il-ġdid u l-programmi operattivi tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) ser ikunu kruċjali sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn il-proġetti ta' investiment u l-istrateġiji ta' żvilupp reġjonali u lokali; jirrakkomanda l-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-proċess tal-għażla u l-implimentazzjoni tal-proġetti kif ukoll fl-organizzazzjoni ta' fora għall-investiment deċentralizzati;

2. iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tinvolvi mill-qrib lill-awtoritajiet lokali u reġjonali u lill-KtR fl-isforzi biex tissemplifika u taċċellera l-implimentazzjoni tal-Fondi SIE, b'mod partikolari fuq il-bażi tal-ewwel konklużjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli ta' Esperti li qed isegwi s-semplifikazzjoni għall-benefiċjarji li għandhom jiġu ppreżentati fl-2016;

3. itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta White Paper dwar il-koeżjoni territorjali, ibbażata fuq il-ħidma tal-Presidenza Lussemburgiża fir-rigward tal-analiżi tal-interazzjoni bejn l-Aġenda Territorjali 2020 u l-Istrateġija Ewropa 2020;

4. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tappoġġja l-iskambju u l-kooperazzjoni bejn ir-reġjuni rigward l-użu aħjar ta' strateġiji ta' speċjalizzazzjon intelliġenti fl-implimentazzjoni tal-fondi strutturali sabiex jitrawwem it-tkabbir immexxi mill-innovazzjoni;

5. iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tniedi mill-ġdid id-dibattitu dwar "Lil hinn mill-PDG" u l-iżvilupp ta' indikaturi alternattivi jew komplementari għall-benesseri u l-iżvilupp sostenibbli;

6. iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tippreżenta White Paper dwar aġenda urbana integrata tal-UE bbażata fuq id-Dikjarazzjoni adottata f'Riga, jiġifieri permezz tal-applikazzjoni rapida ta' valutazzjoni tal-impatt urban, bħala parti mil-linji gwida l-ġodda tal-Kummissjoni dwar il-valutazzjonijiet tal-impatt u l-produzzjoni ta' indikaturi urbani għall-monitoraġġ tal-progress miksub;

7. itenni l-ħtieġa li ż-żoni rurali jiġu rikonoxxuti bħala ċentri ta' żvilupp u innovazzjoni li jikkontribwixxu għall-Istrateġija Ewropa 2020, fil-qafas ta' relazzjoni bilanċjata maċ-ċentri urbani, sabiex jinkiseb l-għan tal-koeżjoni territorjali stabbilit fit-Trattat ta' Lisbona;

8. jistieden lill-Kummissjoni biex, fil-proposti futuri relatati mal-politika ta' koeżjoni, tikkunsidra aktar l-influwenza tal-kultura u t-tradizzjonijiet reġjonali, li huma ta' valur kbir minħabba l-kapaċità tagħhom li jintegraw il-komunitajiet rurali u urbani, u li huma fattur importanti għall-promozzjoni ta' inizjattivi rurali;

9. iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tindirizza ż-żieda fid-disparitajiet bejn ir-reġjuni Ewropej billi tiżgura li jkun hemm biżżejjed approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament bħala appoġġ għat-tkabbir u r-riċerka madwar l-Ewropa, fil-qafas tar-reviżjoni ta' nofs it-term tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2014-2020, li għandha titlesta sa tmiem l-2016;

10. iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli tappoġġja l-kooperazzjoni transkonfinali u l-implimentazzjoni u l-iżvilupp ta' strateġiji makroreġjonali, bħala qafas integrat għall-Istati Membri u pajjiżi terzi fl-istess żona ġeografika biex jindirizzaw sfidi komuni u jsaħħu l-kooperazzjoni fir-rigward tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u jenfasizza l-importanza li jiġu involuti b'mod aktar rigoruż l-awtoritajiet reġjonali u lokali, li huma rappreżentati fil-KtR, u huma l-atturi ekonomiċi u soċjali tat-territorji involuti fil-proċess ta' strateġija makroreġjonali;

11. jitlob li jiġi estiż l-użu ta' riżorsi proprji ġenwini tal-UE u jesprimi x-xewqa tiegħu li jipparteċipa fil-konferenza interistituzzjonali tal-2016 li tagħti segwitu lir-riżultati tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-riżorsi proprji.

*Governanza ekonomika*

12. iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippubblika r-reviżjoni ta' nofs it-term tal-Istrateġija Ewropa 2020, li għandha tiġi segwita malajr kemm jista' jkun fl-2016, sabiex jiġi żgurat li l-istrateġija riveduta tinkludi dimensjoni territorjali, u b'hekk tiġi żgurata l-koordinazzjoni effettiva tal-linji tal-politiki rilevanti tal-UE, inklużi l-politika ta' koeżjoni, il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa u programmi oħra tal-UE;

13. jitlob lill-Kummissjoni tapprova l-appell tal-Kumitat biex l-Istati Membri jinvolvu b'mod attiv lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fis-Semestru Ewropew, b'mod partikolari fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali ta' riforma tagħhom;

14. iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex issegwi "r-Rapport tal-ħames Presidenti" u tippreżenta l-miżuri kollha meħtieġa biex l-Unjoni Ekonomika u Monetarja (EMU) ssir aktar b'saħħitha u tinbidel f'qafas għal koordinazzjoni aħjar u konverġenza strutturali, li tkun tista' tikseb l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tat-TUE, inkluż kapaċità fiskali fil-livell tal-EMU;

15. iqis li l-flessibbiltà fir-regoli dwar il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fir-rigward tal-investiment għandha tiġi estiża għall-Istati Membri kollha; għaldaqstant jitlob lill-Kummissjoni tressaq proposti f'dan ir-rigward u tevalwa wkoll l-impatt tar-regoli l-ġodda dwar is-Sistema Ewropea ta' Kontijiet (ESA 2010) fuq il-kapaċità ta' investiment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;

***Impjiegi, tkabbir sostenibbli, tlestija tas-suq intern***

16. ifakkar lill-Kummissjoni fl-impenn tagħha li tipproponi "Small Business Act" (SBA) rivedut u msaħħaħ u jissuġġerixxi rwol iżjed prominenti għall-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-SBA;

17. jistieden lill-Kummissjoni biex tlesti l-ħidma għat-twaqqif ta' żona Ewropea tal-ħiliet u l-kwalifiki, li għandha tantiċipa l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol f'termini ta' ħiliet u tqabbilhom aħjar mal-ħiliet disponibbli, permezz tal-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali u t-tagħlim tul il-ħajja, sabiex jiġu stimulati l-ħolqien tal-impjiegi u l-ġlieda kontra l-qgħad, b'mod partikolari l-qgħad fost iż-żgħażagħ;

18. ifakkar lill-Kummissjoni dwar l-impenn tagħha li tappoġġja qafas strateġiku tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, it-tisħiħ tar-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, u l-promozzjoni ta' governanza ġdida anke permezz ta' kumitat ta' tmexxija ċentrali Ewropew bil-mandat li jidentifika, jikkoordina u jindirizza kwistjonijiet ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol;

19. jistenna li l-Pakkett dwar il-Mobbiltà tal-Ħaddiema jiġi ppubblikat dalwaqt u jistenna wkoll li jinkludi proposta għal reviżjoni possibbli tad-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema;

20. jitlob li jiġi finalizzat l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà;

21. iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha biex tippreżenta miżuri maħsubin għall-bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u dik privata billi tirrevedi d-Direttiva tal-2010 dwar il-liv tal-ġenituri, billi tiżblokka l-istaġnar istituzzjonali fir-rigward tad-Direttiva dwar il-liv tal-maternità u billi tippreżenta strateġija konkreta biex tintlaħaq l-ugwaljanza tal-ġeneri fl-UE;

22. jitlob li ssir aktar ħidma fuq it-trasport intermodali, u b'mod partikolari fil-forma ta' proposta leġislattiva dwar skema Ewropea għad-drittijiet tal-passiġġieri fir-rigward tal-ivvjaġġar intermodali;

23. itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tippubblika Green Paper dwar il-mobbiltà f'reġjuni li għandhom sfidi ġeografiċi u demografiċi;

24. jistieden lill-Kummissjoni, fil-qafas tar-reviżjoni tal-2016 tad-Direttiva tal-VAT tal-UE, biex jiġu ċċarati l-kondizzjonijiet skont liema n-nontassazzjoni tal-kooperazzjoni interkomunali organizzata skont il-liġi pubblika u barra mill-ambitu tal-liġi dwar l-akkwist pubbliku tista' titqies bħala konsistenti mal-liġi tal-UE;

25. jilqa' bi pjaċir l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tniedi mill-ġdid il-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva (BKKTK) fl-2016, bl-għan li tintroduċi riformi fit-tul dwar l-attribuzzjoni ta' profitti u b'hekk jinħoloq ambjent ta' taxxa fuq il-kumpaniji aktar ġusta fl-Ewropa;

26. jistenna li s-suq uniku diġitali joħloq il-kundizzjonijiet it-tajba għan-netwerks diġitali u l-kummerċ elettroniku biex jiġi massimizzat il-potenzjal għat-tkabbir tal-ekonomija diġitali permezz ta' investiment f'infrastruttura tal-ICT affidabbli, b'veloċità għolja, li tappoġġja l-gvern elettroniku, is-servizzi pubbliċi u l-ħiliet diġitali u jipproponi li fl-UE kollha tiġi żviluppata skema ta' residenza elettronika sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-suq uniku diġitali għal investituri diġitali minn barra l-UE;

27. jistenna proposta għal projbizzjoni tal-imblukkar ġeografiku fis-suq uniku diġitali;

28. jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti għal approċċ ikkoordinat għar-regoli applikabbli għall-ekonomija kollaborattiva, filwaqt li tqis id-differenza bejn l-attivitajiet kummerċjali u mhux kummerċjali;

29. jitlob li tiġi riveduta d-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva (AVMSD) fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi u jenfasizza l-bżonn li jiġu segwiti politiki li jinkoraġġixxu l-pluraliżmu tal-midja tal-aħbarijiet fl-Istati Membri kollha;

30. jistenna bil-ħerqa miżuri konkreti min-naħa tal-Kummissjoni biex tavvanza l-miri enfasizzati fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-28 u d-29 ta' Mejju 2015 dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka u dwar ix-Xjenza 2.0, bl-appoġġ tal-KtR u l-awtoritajiet lokali u reġjonali;

31. jistenna li jsir segwitu tal-Green Paper tal-Kummissjoni dwar l-estensjoni possibbli tal-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika tal-UE għal prodotti mhux agrikoli;

***Żvilupp sostenibbli***

32. jitlob għall-implimentazzjoni sħiħa u ambizzjuża tas-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali (EAP) 2014-2020; għaldaqstant iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, fl-2016, tippreżenta l-Komunikazzjoni dwar l-art bħala riżorsa li ilha pendenti, proposta ġdida għal direttiva dwar l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, u proposta leġislattiva dwar l-ispezzjonijiet ambjentali u l-infurzar;

33. itenni t-talba tiegħu biex, fil-leġislazzjoni tal-UE, il-Kummissjoni tinkludi l-objettiv tal-prevenzjoni ta' kwalunkwe telf nett ta' servizzi ta' bijodiversità u ekosistemi, u konsegwentement jistenna li fl-2016 il-Kummissjoni tippreżenta inizjattiva adatta fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2020;

34. għalhekk, jitlob li tiġi approvata malajr kemm jista' jkun reviżjoni tal-leġislazzjoni dwar it-traċċabilità u l-ittikkettjar ta' oġġetti tal-ikel, f'kollaborazzjoni u kuntatt kontinwu mal-livelli differenti tal-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri u r-reġjuni Ewropej, sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jiddeċiedu b'għarfien anke permezz tar-rikonoxximent ta' ktajjen ta' produzzjoni ħielsa kompletament mill-OĠM;

35. jenfasizza r-rwol ewlieni tal-proposti leġislattivi futuri dwar l-ekonomija ċirkolari, u tal-implimentazzjoni konsistenti fl-UE kollha tal-liġijiet attwali, b'mod partikolari t-tnaqqis tar-rimi ta' skart riċiklabbli, u jtenni t-talba tiegħu għal żvilupp ulterjuri ambizzjuż u tal-miri dwar ir-riċiklaġġ u l-iskart u jfakkar fil-potenzjal kbir tal-ekonomija ċirkolari għal SMEs innovattivi;

36. jitlob li jiġi involut fil-proċess tat-tħejjija tal-leġislazzjoni l-ġdida provduta fil-pakkett dwar l-Unjoni tal-Enerġija, b'mod partikolari r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-enerġija rinnovabbli u r-reviżjoni tad-Direttivi dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u dwar l-effiċjenza fl-enerġija;

37. jistenna li l-Kummissjoni tressaq pjan ta' azzjoni biex issaħħaħ ir-rwol tal-Patt tas-Sindki fil-politiki dwar l-enerġija u l-klima, testendi l-inizjattiva lil hinn mill-2020 u tappoġġja l-espansjoni tagħha madwar id-dinja; jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tintegra bis-sħiħ l-inizjattiva "Mayors Adapt" fi ħdan il-Patt tas-Sindki, u tuża dan il-Patt, f'koordinazzjoni mas-soluzzjonijiet tal-Bliet Intelliġenti, bħala xprun għall-implimentazzjoni tal-politiki dwar l-enerġija u l-klima;

38. iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tressaq Komunikazzjoni dwar il-Bliet Intelliġenti sabiex tipprovdi appoġġ addizzjonali għal soluzzjonijiet intelliġenti fir-rigward tal-effiċjenza enerġetika, il-mobbiltà urbana u l-innovazzjoni billi tikkopera mill-qrib mal-KtR biex jimmappjaw l-inizjattivi eżistenti u jikkoordinawhom aħjar; f'dan il-kuntest iħeġġeġ li r-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġi rikonoxxut f'firxa ta' oqsma oħra lil hinn mill-effiċjenza enerġetika tal-bini, u jtenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tappoġġja l-produzzjoni fuq skala medja u żgħira tal-enerġija rinnovabbli peress li tista' taqdi rwol kemm biex ittaffi l-faqar enerġetiku kif ukoll biex tiżgura s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija;

39. jistieden lill-Kummissjoni tieħu miżuri biex tippromovi l-modernizzazzjoni u l-innovazzjoni tal-ekonomija rurali, u tippreżenta mekkaniżmi regolatorji fis-settur tal-prodotti tal-ħalib li jantiċipaw u jtaffu l-volatilità tas-swieq, sabiex tinżamm l-agrikoltura fir-reġjuni kollha u jiġu ppreservati l-komunitajiet rurali;

40. itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni Ewropea biex jiġi promoss it-tnaqqis tal-iskart tal-ikel u li terġa' tressaq proposta għal għan tat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel ta' mill-inqas 30 % sal-2025, abbażi tal-proposta tagħha li ġiet irtirata fl-2014 biex temenda d-Direttiva Qafas dwar l-iskart. F'dan il-kuntest, jappoġġja t-talba tal-Parlament Ewropew biex l-2016 tkun is-Sena Ewropea kontra l-Ħela tal-Ikel;

41. jinnota li sitta mis-seba' l-akbar fatturi ta' riskju għal mewt bikrija huma relatati ma' kif nieklu, nixorbu u niċċaqalqu, u jistieden lill-Kummissjoni teżamina azzjoni koordinata fil-livell tal-UE biex tindirizza aħjar iż-żieda dejjem tikber tal-piż żejjed u tal-obeżità fl-Ewropa;

42. jappoġġja l-vot tal-Parlament Ewropew favur l-iskema għall-għajnuna għall-provvista ta' frott u ħaxix, banana u ħalib fl-istabbilimenti edukattivi u jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti konkreti fl-2016.

***Stabbiltà u kooperazzjoni fl-Unjoni Ewropea u barra mill-UE***

43. jitlob lill-Kummissjoni timplimenta l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, b'mod partikolari fid-dawl tal-esperjenzi tagħhom fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza u l-mekkaniżmi ta' rilokazzjoni, u tressaq proposti leġislattivi dwar mekkaniżmu għar-risistemazzjoni u mekkaniżmu għar-rilokazzjoni permanenti sabiex tintlaħaq distribuzzjoni aktar ġusta ta' dawk li għandhom bżonn protezzjoni internazzjonali ġewwa l-UE; għaldaqstant jistenna evalwazzjoni u reviżjoni possibbli tar-Regolament Dublin III; itenni l-proposta tiegħu li jitwaqqfu "sħubijiet ta' migrazzjoni u integrazzjoni" bejn il-bliet u r-reġjuni fil-pajjiżi ta' oriġini u tad-destinazzjoni, u jenfasizza r-rwol li jistgħu jaqdu l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej biex jappoġġjaw il-politiki ta' integrazzjoni;

44. jappoġġja l-missjoni umanitarja fis-seħħ bħalissa f'konformità mal-valuri komuni tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu approċċ wiesa' fl-azzjoni tagħha dwar il-migrazzjoni b'kunsiderazzjoni tal-kwistjonijiet ekonomiċi, soċjali, ambjentali u ta' sigurtà u sovranità tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-istrateġija. Il-KtR jista' jikkontribwixxi għal din il-ħidma billi jippromovi l-iskambju ta' fehmiet fost ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali dwar din il-kwistjoni u jipproponi soluzzjonijiet potenzjali;

45. jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ id-djalogu fil-livelli kollha ta' governanza bħala element importanti tal-proċess ta' tkabbir tal-UE u biex, fir-rapport annwali dwar it-tkabbir, tindirizza b'mod sistematiku s-sitwazzjoni tad-deċentralizzazzjoni u r-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;

46. jitlob li ssir reviżjoni estensiva tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV), li għandha tiffoka fuq tliet prijoritajiet strateġiċi: governanza demokratika kif xieraq, żvilupp territorjali sostenibbli u migrazzjoni u mobbiltà ċirkolari: jitlob b'mod partikolari li jissaħħu l-inizjattivi li jappoġġjaw il-proċessi ta' deċentralizzazzjoni; jinnota l-importanza li jissaħħu l-istituzzjonijiet tal-korpi lokali u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli bil-Faċilità tal-Amministrazzjoni Lokali (FAL) u testendiha għall-pajjiżi ġirien kollha tagħha;

47. jemmen li huwa partikolarment importanti li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu involuti fid-direzzjoni multilaterali u bilaterali tal-PEV il-ġdida u li jingħata finanzjament sufficjenti biex jiġu appoġġjati r-riformi fil-livell tagħhom, kif mitlub mill-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern waqt is-Summit ta' Riga;

48. jibqa' konvint li t-TTIP tista' tkun opportunità biex tingħata spinta lit-tkabbir u l-impjieg fl-UE, peress li tista' tipprovdi aċċess reċiproku għas-suq għall-kummerċ ta' prodotti, servizzi, investiment u l-akkwist pubbliku, tnaqqas il-burokrazija u tneħħi l-ostakli mhux tariffarji għall-kummerċ sakemm jiġu rispettati bis-sħiħ l-istandards legali eżistenti tal-Istati Membri tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-politika soċjali, ambjentali u tal-konsumatur, u jiġu salvagwardjati l-parteċipazzjoni demokratika u l-poteri tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;

49. iqis li l-istess prerekwiżiti japplikaw għan-negozjati dwar it-TISA fil-kamp ta' applikazzjoni aktar ristrett tagħhom; jitlob lill-Kummissjoni tinvolvi lill-KtR fil-proċess tan-negozjati dwar it-TISA, b'mod partikolari billi tagħti lill-KtR aċċess simili għad-dokumenti tan-negozjati bħal dak tat-TTIP;

50. jinsisti dwar il-ħtieġa li jiġu lokalizzati l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli universali l-ġodda li għandhom jinkisbu matul il-ħmistax-il sena li ġejjin, u għalhekk jitlob, b'enfasi partikolari fuq il-kooperazzjoni deċentralizzata, għal inizjattivi speċifiċi fir-rigward tal-awtoritajiet lokali u reġjonali bil-għan li jiġu appoġġjati l-isforzi tagħhom fl-implimentazzjoni ta' dawn l-għanijiet;

51. jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-aġenda urbana globali fid-dawl tal-Konferenza Habitat III u biex tinvolvi lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tiswir tal-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea.

***Ċittadinanza u governanza***

52. jitlob li l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej tiġi riveduta u ssemplifikata biex issir aktar faċli biex tintuża mill-utent u aktar aċċessibbli għaċ-ċittadini;

53. jappella għal azzjonijiet imġedda mill-Kummissjoni fl-attivitajiet tagħha biex titrawwem il-kooperazzjoni interistituzzjonali fil-komunikazzjoni billi jintuża wkoll il-potenzjal ta' lieva tal-membri tal-KtR biex jikkomunikaw maċ-ċittadini u biex "jieħdu azzjoni fil-livell lokali" madwar l-Unjoni Ewropea;

54. jistieden lill-Kummissjoni biex, fir-rigward tal-proposta tagħha għal ftehim interistituzzjonali dwar reġistru obbligatorju tat-trasparenza, teżenta lir-rappreżentanti eletti demokratikament tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-assoċjazzjonijiet mir-reġistru obbligatorju;

55. jilqa' l-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni għal ftehim interistituzzjonali dwar regolamentazzjoni aħjar issemmi l-valutazzjoni tal-impatt territorjali bħala waħda mill-għodod għat-twettiq tal-valutazzjonijiet tal-impatt u jitlob lill-Kummissjoni tuża din l-għodda b'mod sistematiku għal proposti leġislattivi li jista' jkollhom impatt territorjali; madankollu jtenni t-talba tiegħu li l-ftehim interistituzzjonali jirrikonoxxi r-rwol speċifiku u dejjem akbar tal-KtR taħt it-Trattat ta' Lisbona;

56. jagħti struzzjonijiet lill-President sabiex jibgħat din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-President tal-Kunsill Ewropew.

Brussell, id-9 ta' Lulju 2015.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

Markku MARKKULA